# 91. Karlu u Karlina

Karlu u Karlina kienu
igħixu ma’ xulxin;
Karlina daqs xadina,
Karlu daqs xadin,

Hekk kienu koroh, ħuti,
dawn iż-żewġ aħwa ltiema
li kienu flimkien igħixu
ġo dar fi triq tas-Sliema.

Ħaġa tal-għaġeb Karlu
qabad waħda mis-sbieħ;
u oħra aktar tal-għaġeb
Karla wieħed sabiħ;

Ġo sqaq kull filgħaxija
imorru jinnamraw
fid-dlam jew dawl il-qamar
mas-sbieħ jixxadinjaw.

Dil-ġrajja damet sejra
kull jum għal żmien ftit twil,
sakemm ġurnata minnhom –
jidhirli kien April, –

Karlu u Karlina marru
bħas-soltu jistennew;
stennew, stennew bis-sabar,
stennew bla ma thennew!

Marru flimkien ifittxu
u wara xi siegħa żmien,
ma’ ħajt ta’ sqaq imwarrab,
jaraw is-sbieħ flimkien.

Ma tkellmu xejn u marru
id-dar imbikkijin,
Karlina bħal xadina,
u Karlu bħal xadin.

Ma kienx biċ-ċajt; f'Awwissu
is-sbieħ tejġu flimkien,
u għamlu għors u festa
u ballu ġewwa ġnien.

Fit-triq ta' Karlu u Karla
kien hemm dar biss bla dawl;
Karlu u Karlina kienu
marru jumejn San Pawl.

U f'ilsien il-ħaddara
kien hemm minn taħt ir-riħ
il-ġrajja taż-żewġ koroh
u l-ġrajja taż-żewġ sbieħ.